MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 13/2002/1

**Thomas Smith Insurance Agencies Limited bhala agenti tas-socjeta' estera SIAT kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Duncan Debattista u b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2002, il-kunjom "Debattista" gie kancellat u sostitwit bil-kunjom "Darmanin"**

**vs**

**Giovanni Bonnett**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Jannar, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas l-ammont ta' elf, sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,683.28) rapprezentanti l-ammont dovut minhabba ncident tat-traffiku li gara fis-27 ta' Awissu 2000, f'Zejtun bejn il-karozzi EBF 025 u JAD 052. Dan l-incident gara

unikament minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali u tal-ittra ufficjali kontra l-assigurazzjoni tieghu pprezentata kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fil-habta in kwistjoni kien unikament responsabbli Ducan Debattista u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Duncan Debattista.

Salvi eccezzjonijiet ohra u b’riserva ghall-azzjoni ghad-danni da parti ta’ l-istess Giovanni Bonnett kontra Duncan Debattista.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara xi s-sitta u nofs ta’ filghodu fis-27 ta’ Awissu, 2000, bejn il-karozza bin-numru EBF 025 misjuqa minn Duncan Darmanin u l-karozza bin-numru JAD 052 misjuqa minn Giovanni Bonnett.  L-incident gara bejn Bir id-Deheb u t-*traffic lights* fil-*junction* illi taghti ghal Marsaxlokk.

Irrizulta mill-provi li l-karozzi kienu qeghdin jinstaqu kontra xulxin.  Duncan Darmanin bil-Volkswagon Polo bin-numru EBF 025 kien ghadu kif qala’ mit-*traffic lights* fid-direzzjoni ta’ Bir id-Deheb.  Waqt li l-konvenut li kien qed isuq Mercedes bin-numru JAD 052 kien gej minn Bir id-Deheb u ried jaqsam id-*double white line* biex imur fil-kareggjata opposta u jidhol fi sqaq illi jidher fl-iskecc a fol. 27.

Jidher illi kien hemm nuqqas ta’ kalkolu, l-ghaliex l-incident gara ezatt quddiem il-bokka ta’ dan l-isqaq fil-karreggjata li kien ghaddej Duncan Darmanin.

Dan ta’ l-ahhar xehed illi huwa kien qed isuq ghad-dritt, qala’ minn wara t-*traffic lights*, ra l-karozza tal-konvenut wieqfa f’nofs it-triq u baqa’ ghaddej. Izda waqt li kien qed javvicina nduna li l-konvenut beda’ miexi, ghafas il-brejk pero’ kien hemm in-nida, ghax kien filghodu kmieni, l-karozza bdiet tizloq u baqghet diehla fil-vettura tal-konvenut.

Kemm il-konvenut, kif ukoll Duncan Darmanin qablu fuq l-i*spot of impact* kif jidher fuq l-iskecc.

Minn naha l-ohra, l-konvenut jghid illi huwa waqaf f’nofs it-triq biex ma jkunx ta’ ostakolu ghall-vetturi li jkunu gejjin warajh u dawk telghin minn B’Bugia. Huwa ried jidhol fl-isqaq li jidher fl-iskecc immarkat CB. Meta ra illi kien hemm spazju bizzejjed, bejn il-karozza tieghu u dawk illi kienu telghin minn B’Bugia, qasam it-triq biex jidhol fl-isqaq. Izda l-vettura l-ohra misjuqa minn Darmanin kienet qed tinstaq b’velocita’ qawwija tant illi ma setghetx tevitah u sar l-incident.

Il-konvenut, filwaqt illi jghid illi l-incident sar meta kien ghadu wieqaf, ikkonferma l-i*spot of impact*.

PS 918 Anthony Agius jghid illi l-i*spot of impact* kien jidher car u ghal hekk immarkah fuq l-iskecc u qablu maghha z-zewg partijiet. Fl-okkorrenza a fol. 26, inghad illi l-i*spot of impact* kien *1.5 metres outside the broken white line*.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ipprova jitfa’ dell fuq is-sewqan ta’ Duncan Darmanin minhabba t-tul ta’ *brake marks* li rrizulta wara l-vettura tieghu. Dawn ghandhom tul ta’ tletin metru, li jsarrfu bejn wiehed u iehor ghall-velocita’ ta’ madwar sebghin kilometru fis-siegha. Jekk tikkonsidra n-nida fit-triq fejn allura seta’ kien hemm fattur ta’ zlieq, jista jkun li dawn il-*brake marks* jigu kkreati anki b’velocita’ anqas.

Il-Qorti, pero’ jidhrilha illi l-kawza prossima ta’ dan l-incident ma kienx xi sewqan esagerat da parti ta’ Darmanin, izda tal-mod traskurat kif Giovanni Bonnett ipprova jaqsam karreggjata minghajr ma ha nkonsiderazzjoni l-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta.

Bonnet jghid illi huwa waqqaf il-karozza tieghu f’nofs it-triq u kien f’din il-posizzjoni meta gara l-incident. Il-Qorti ssib din il-verzjoni inverosimili, l-ghaliex l-i*spot of impact* jidher car illi l-konvenut pogga l-karozza tieghu f’posizzjoni ta’ ostaklolu fil-karreggjata opposta, vuol diri dik li fiha kien gej Duncan Darmanin.

Din il-prova hija inkonfutabbli, aktar u aktar meta l-istess partijiet jaqblu li l-i*spot of impact* huwa proprju dak indikat fl-iskecc. Il-posizzjoni rregolari tal-karozza tal-konvenut ikkreat ostakolu mhux gustifikat ghal Duncan Darmanin, li ma setghax jaghmel mod iehor aktar billi ghafas il-brejk biex jevita l-incident. Veru illi forsi 70 kilometru fis-siegha setghu kienu xi daqsxejn eccessivi ghal dawk ic-cirkostanzi tas-sewqan. Pero’ l-Qorti jidhrilha kif gia nghad, illi dana ma kienx xi fattur determinanati ghall-incident, izda kien il-konvenut illi pogga l-vettura tieghu f’posizzjoni ta’ periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Il-Qorti wkoll difficli temmen lill-konvenut meta jghid illi huwa xeghel l-*indicator*. Fil-fatt wara l-incident, l-istess Surgent ipprova jixghel l-*indicator*, izda dawn ma xeghlux ghad illi rrimarka illi kien hemm hafna hsara fuq quddiem. Dan huwa kompatibbli mall-vjolenza tal-habta peress illi l-vettura tal-konvenut giet imdawwra kwazi 180 *degrees* biex tigi thares fil-direzzjoni ta’ Bir id-Deheb minfejn kienet gejja. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident ghadu jahti unikament u esklussivament il-konvenut.

Ghal dawk illi huma d-danni, s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha bid-dokumenti, *survey reports*, fatturi u rcevuti tat-tiswija tal-karozza ta’ l-assikurat taghha.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fiz-Zejtun fis-27 ta’ Awissu, 2000, bejn il-karozza EBF 025 misjuqa minn Duncan Darmanin u JAD 052 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf, sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,683.28) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-isejjez u bl-imgahxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------